MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Numru. 84/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Loreto Azzopardi ta’ 60 sena, bin Carmel u Mary nee’ Grech, imwieled Ghajniselem, nhar il-11 ta’ Novembru 1950 residenti fil-fond numru La Mirage, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 87250(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Loreto Azzopardi li gie akkuzat talli **f’dawn il-**Gzejjer matul ix-xahar ta’ Settembru 2006 fil-bahar in-naha tax-Xlendi (Ghawdex):

a. talli wettaq sajd illegali ghal lampuki fuq rimji mil-bastiment tas-sajd registrat fuq ismu bin-numru MFC6051 meta ma kellux licenzja tas-sajd bla ma kien sajjied tas-sengha u dana bi ksur ta'l-artikoli 26 u 28 ta'l-Avviz Legali 425.01, 9(1) tal-Kapitolu 425.
b. Ukoll talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi irrifjuta jew ittraskura li jhares xi ordni rekwizizzjoni jew direzzjoni legittimament moghtija jew maghmula minn ufficjal tas-sajd Mario Tabone u dana bi ksur ta'l-artikolu 29 (1)(b) tal-Kapitolu 425.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota tar-rinviju ghalL-gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta' Gunju 2010.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat illi ikkometta r-reat tas-sajd illegali taht l-Att dwar il-Konservazzjoni u Amministrazzjoni tas-Sajd, Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.[1] Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jidher illi l-imputat allegatament tefa' ic-cimi tieghu tas-sajd vicin ir-rimja tal-ahwa Azzopardi gewwa x-Xlendi. Illi mix-xhieda tal-ahwa Azzopardi jidher illi huma gew assenjati r-rimja li ggib in-numru disgha (9), filwaqt illi l-imputat kien qieghed jistad vicin taghhom ghall-lampuki u dana f'Settembru 2006 fir-rimja li ggib in-numru ghaxra (10).

Illi r-regolament 26 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.01 jiddisponi testwalment:

[1] Ara nota ta' rinviju a fol.108

"Il-postijiet tas-sajd bil-kannizzati jigu mqassmin u moghtijin kull sena bix-xorti taht dawk il-kundizzjonijiet li d-Direttur jidhirlu li ghandu jaghmel, u hadd ma jkollu dritt li jixhet sufri ghal dan is-sistema ta' sajd minghajr ma ikollu licenzja."
Ir-regolament numru 28 imbaghad ikompli ighid illi: "Id-Direttur ikollu s-setgha illi l-licenzji imsemmija fir-regolament 26 jinhargu biss lil persuni li huma sajjieda tas-sengha."

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi kiser dawn ir-regolamenti f'Settembru 2006. Illi fl-atti processwali xehed certu Mario Tabone li jokkupa il-kariga ta' *Senior Fisheries Officer* gewwa Ghawdex. Ix-xhud jikkonferma illi sar rapport mill-ahwa Azzopardi dwar l-imputat u jghid illi huwa ghadda dana r-rapport lid-Direttur Generali, izda ma jesebixxi l-ebda dokument li jindika dana r-rapport. Ikompli jixhed illi kien hemm xi rimja li kienu battala fis-sens illi s-sajjieda li kienu jokkupawhom ikunu bieghu l-bastimenti taghhom u l-istess ma jkunux ghadhom gew assenjati lil xi sajjieda ohra. Minn verifiki illi huwa ghamel jindika illi l-imputat ma ghandux licenjza u ghalhekk mhux awtorizzat bl-ebda mod illi jistad f'xi rimja anke dawk illi huma battala. Dana jghidu fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Dicembru 2007. Izda fix-xhieda tiehu ma jindikax jekk ghamilx verifiki ghar-rigward tal-perjodu ta' Settembru 2006 u cioe' ghax-xahar li fih l-imputat jinstab akkuzat. Lanqas ma jixhed dwar il-fatt illi huwa kien ta xi ordni lill-imputat biex jieqaf minn dana is-sajd illegali u li l-imputat ma segwiex dina l-ordni, kif jindika s-Surgent 1424 Mario Xiberras fix-xhieda tieghu.[2] Ix-xhud ghalhekk ma jaghti l-ebda informazzjoni dwar x'licenzji kien hemm, jekk kien hemm fuq isem l-imputat f'Settembru 2006, kif lanqas ma jixhed dwar f'liema rimja kien qieghed jistad l-imputat u jekk dina kenitx battala jew le fiz-zmien in kwistjoni. Huma biss l-ahwa Azzopardi li jixhdu dwar liema rimja tappartjeni lilhom u f'liema rimja kien qieghed jistad l-imputat, izda l-ebda ufficjal ma jaghti informazzjoni preciza dwar dak li allegatament sehh.

[2] Ara xhieda ta' Mario Tabone a fols.16 u 19, kif ukoll ix-xhieda tal-PS 1424 Mario Xiberras a fol.8 u ir-rapport esebiet minnu

Illi l-uniku dokument ufficjali li hemm fl-atti huwa id-Dokument D a fol.12 et seq. Dina hija l-kwerela mibghuta minn Dr. Franco Agius tal-21 ta' Novembru 2006. Dina l-kwerela ukoll ma tindika l-ebda data meta sehh l-allegat fatt u lanqas il-post fejn sehh l-istess, hlief li jindika r-rimji tan-naha tax-Xlendi. Di piu dina hija biss kopja li qatt ma giet ikkonfermata mill-ebda ufficjal tad-Dipartiment ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Anness ma' dina l-kwerela hemm speci ta' rapport datat 16 ta' Ottubru 2006. F'dana r-rapport ma hemm indikat imkien min huwa l-ufficjal li qed ihejji l-istess u wisq anqas ghalhekk huwa iffirmat. Inoltre dana l-ispecji ta' rapport, li huwa wkoll kopja, jindika illi fih xi dokumenti annessi mieghu, izda dawn id-dokumenti qatt ma gew esebiti fl-atti. Ukoll f'dana d-dokument la hemm id-data meta sehh l-allegat reat u wisq anqas indikat ir-rimja fejn kien qed jistad l-imputat u lil min tappartjeni l-istess.

Illi l-artikolu 30(9) tal-Kapitolu 425 jindika illi fi proceduri kriminali mehuda taht dana l-Att:

"Certifikat li juri li jkun iffirmat mid-Direttur jew minn xi ufficjal awtorizzat minnu ghal dak il-ghan, fis-sens illi f'data specifikata fic-certifikat –

(a) bastiment tas-sajd specifikat f'dak ic-certifikat ma kienx registrat fir-registru ta' bastimenti tas-sajd, lanqas ma kien licenzjat jew specifikat f'permess skond dan l-Att; jew
(b) il-persuna akkuzata jew xi persuna ohra msemmija ma kenitx id-dententur ta' licenza jew permess skond dan l-Att,
ghandu, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, ikun prova bizzejjed ta' dak li jkun dikjarat fic-certifikat.

Illi minn imkien mill-atti ma jidher illi gie ipprezentat certifikat f'dana s-sens. Illi kif diga nghad l-uniku dokument ipprezentat mahrug mid-Dipartiment huwa d-Dokument D a fol. 12 sa 15, liema dokument huwa biss fotokopja li ma jaghti l-ebda informazzjoni dwar permessi u licenjzi u di' piu' fil-maggior parti tieghu lanqas biss huwa iffirmat u lanqas jindika liema ufficjal mid-Dipartiment hejja l-istess.

Illi fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief taghti ragun lid-difiza. Illi dina l-kawza li damet ghaddejja ghal zmien twil inutilment hija nieqsa mill-ahjar prova li tista’ twassal ghal sejbien ta’ htija fil-konfront tal-imputat. Illi filwaqt li ma hemmx l-icken prova dwar it-tieni akkuza, billi l-ufficjal li allegatament ta l-ordni in kwistjoni, Mario Tabone,  lanqas biss jixhed dwar l-istess, il-provi dwar l-ewwel akkuza huma inkompleti u nieqsa minn dokumenti ufficjali li jikkonfermaw dak allegat fl-istess akkuza. Illi l-prosekuzzjoni ma tressaqx prova dwar:

1. jekk il-bastiment tas-sajd bin-numru MFC6051, li minn fuqu allegatament sehh dana s-sajd illegali, huwiex irregistrat fuq isem l-imputat.
2. il-fatt illi l-imputat ma huwiex sajjied tas-sengha.
3. dwar permessi u licenzji fuq isem l-imputat ghal perijodu ta’ Settembru 2006.
4. dwar l-assenjazzjoni tar-rimja numru 10 gewwa x-Xlendi minn fejn allegatament l-imputat xehet ic-cimi tieghu.

Illi fil-kamp penali l-Qorti ma tistax timxi fuq assunzjonijiet u presenzjonijiet, izda fuq provi konkreti u dettaljati li ma jhallu l-ebda dubbju fuq il-htija tal-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------